*Kunsill Lokali Marsaskala*
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**IS-SEBA LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 75**

**It-Tnejn 27 ta' Awwissu 2018**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala ltaqa' fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 228 Triq is-Salini Marsaskala fis-6:00 ta' filgħaxija.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
Lawrence Ciantar- Kunsillier
John Baptist Camilleri- Kunsillier
Charlot Cassar-Kunsillier
Charlot Mifsud – Kunsillier
Sandro Gatt – Kunsillier
Elizabeth Cassar- Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**
Desiree Attard – Viċi Sindku
Daniel Spiteri – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

**75.1** ***Qari tal-ittri ta' apoloġiji:***

**75.1.1** Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-ittri t'apoloġiji tal-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri u l-Viċi Sindku Dr. Desiree Attard.

**75.2** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 74 tat-23 ta' Lulju 2018:***

**75.2.1** Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal illi paġna 4 artiklu 74.2.11 għandha tinbidel u issir kif ġej:

*''Is-Sur John B Camilleri qal illi rigward paġna 4 artiklu 72.2.8 l-ammont ta €5000 li mhuwiex il-kont finali pero bejn wieħed u ieħor dak hu l-ammont tal-fustun sħiħ,kompla jgħid illi għalkemm qbilna illi issir il-parti sad-dar il-ħamra dis-sena u l-kumplament is-sena d-dieħla nistgħu nkellmu lin-Nexos sabiex nagħmluh kollu din is-sena u nħalsu l-parti mid-dar il-Ħamra sa quddiem il-bandli ta' Żonqor s-sena d-dieħla''.*

*Kien hemm qbil unanimu''.*

***Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri ippropona l-approvazzjoni tal-minuti u s-Sur Charlot Mifsud ssekonda hekk kif ġew emendati. Il-votazzjoni kienet 4 favur, 0 kontra u 1 astenzjoni.***

**Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati hekk kif emendati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

**75.2.2** Il-Kunsillier is-Sur John. B Camilleri staqsa fuq paġna 4 il-5 paragrafu jekk kellniex risposta mingħand id-Direttur tal-Lesa fuq is-servizz tal-gwardjani lokali fi tmiem il-ġimgħa fi Triq ix-Xatt.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi bgħatna lis-Sur Raymond Zammit pero` bqajna mingħajr risposta. Huwa kompla jispjega illi s-Sur Raymond Zammit iffowerdja l-imejl tagħna lis-Sinjura Liz Vassallo iżda xorta bqajna mingħajr risposta.

Is-Sindku qal li għandna nibgħatu imejl diretta lis-Sinjura Liz Vassallo u nikkupjaw lil-Ministru Owen Bonnici u l-Onor Silvio Parnis. Huwa kompla jgħid illi tlabnijhom kemm il-darba bies il-patrol għandu jkun mal-promenade u mhux fis-*side streets*.

- ***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar u l-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt daħlu għal-laqgha fis-6.15pm***

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li aħna f'seduta preċedenti konna qbilna li anke jkun hemm bżonn is-servizz isir bi ħlas fi tmiem il-ġimgħa.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi veru kien hemm diskussjoni li jsiru bi ħlas iżda d-deċiżjoni finali ma kienetx hekk.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal dan is-servizz kien bżonjuż fis-sajf u issa s-Sajf wasal biex jintemm pero` tajjeb li niċċaraw l-affarijiet għas-Sajf li ġej.

Il-Kunsill qabel unanimament li niktbu lis-Sinjura Liz Vassallo u nikkupjaw lil Ministru Owen Bonnici u l-Onor Silvio Parnis.

**75.2.3** Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fuq paġna 4 paragrafu 74.2.13 jekk għandiex risposta fuq il-*breakwater*.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi l-ittra tellajnija fuq *facebook*.

Is-Sindku qal li kellu laqgħa mal-Minstru Ian Borg, is-Segretarju Parlamentari Chris Agius u Chariperson tal-PA is-Sur Johann Buttigieg u tkellmu fuq il-breakwater u l-Ministru Ian Borg qallu li ser jiċċekja dwar dan.

75.3 ***Komunikazzjoni mis-Sindku:***

**75.3.1 Bring in sites quddiem Summer Nights (35/3246/18/I):**

Is-Sindku spjega lill-Kunsillera illi fil-ġimgħa tal-festa d-*domes* ta' faċċata tas-*Summer Nights* ma tbattlux u kien hemm diżastru sħiħ, pero` il-kollettur kellhu skuża valida minħabba li ma setax jidħol bl-għarmar tal-festa. Huwa kompla jispjega illi l-problema tkompliet u dan il-kollettur kull darba jġib l-iskużi u dan mhux aċċettabli u li għanda ninfurmaw lis-Sur Joe Attard tal-Green Mt.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li dawn id-*domes* ilhom ma jinħaslu żmien u fihom ħafna ħmieġ. Huwa kompla jgħid illi l-Kunsill ma għandux jħallas għat-tneħħija tad-*domes*.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Kunsill kien iffirma kuntratt mal-Wasteserv li d-*domes* ġew propjeta` tal-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li dak kollu li suppost għandna nieħdu skond il-kuntratt irridu nieħduh.

Il-Kunsill qabel unanimament li għandha niktbu lis-Sur Joe Attard tal-Green MT b'dawn l-ilmenti u ninfurmawh li dan ser jkun l-aħħar avviż.

**75.3.2 Measure 4 – Development of Green Infrastructure (update) (35/3263/18/I):**

Is-Sindku spjega illi f'seduta preċedenti kienu tkelmu fuq fondi tal-GalXlokk għat-tisbieħ f'San Tumas iżda kien irriżulta illi l-art inkwistjoni kienet ta' xi ħadd privat u għaldaqstant ma konniex applikajna. Huwa kompla jispjega illi reġgħet ġiet l-opportunita` li napplikaw għal dawn il-fondi li jammontaw għal €57,000 u jistgħu jsir tisbieħ fi Ġnien Sant'Anna billi jsir *wooden fence*, bankijiet u dawl ġdid. Huwa kompla jispjega illi wara li titneħħa l-Għassa u jinbena l-Kunsill jifdal biċċa art fejn tista issir xi ħaġa fejn jilgħabu t-tfal.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li 80% tal-fondi noħduhom mill-Gal Xlokk u 20% tal-fondi joħroġhom il-Kunsill.

Is-Sindku qal li probabilment l-20% tal-fondi li jrid joħroġ il-Kunsill nistgħu noħduhom ukoll permess tal-*Cofinancing*.

Is-Sindku issuġerixxa illi minflokk il-fondi minn dan il-proġett għandhom imorru għat-tisbieħ ta' Ġnein Sant'Anna. Dawn il-fondi jammontaw għal madwar €70,000 bħala total.

Il-Kunsill qabel li napplikaw għal dawn il-fondi liema proġett ikun l-embellishment ta' Ġnien Sant'Anna.

**75.3.3** **Kontaminazzjoni ta' bin fi Triq il-Blajjiet (35/3257/18/I).**

Is-Sindku qal li hemm xi persuna li kontinwament qed jitfa ġlud tal-fniek f'waħda mid-*domes* ta' Triq il-Blajjiet u sabiex jinqata dan l-abbuż hemm bżonn li jsiru l-*cameras*.

Il-Kunsill qabel li jsiru l-*cameras* min-naħa tal-Kunsill f'dan is-sit.

**75.3.4** **New Offer and New Proposal (35/3208/18/I):**

Is-Sindku qal li din il-kumpanija qed tiproponi sabiex iġġib fil-lokal kontenutri fejn in-nies jiddisponu l-ħwejjeġ.

Il-Kunsill qabel li ma naċċettawx din il-proposta peress li diġa għandha kollettur ieħor li jipprovdi servizz simili.

**75.3.5** **Organic Waste:**

Is-Sindku spjega lil Kunsilliera illi għal laqgħa li attenda spjegawlu illi mil-31 ta' Ottubru 2018 ser tibda r-riforma l-ġdida tal-ġbir ta' skart hekk kif indikat fit-tabella ta' hawn taħt.

| Monday | Tuesday | Wednesday | Thursday | Friday | Saturday | Sunday | Collection time | Glass |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Organic and black bag | Recycling | Organic | Black bag | Organic And recycling | Black bag | n/a | 7.30am | 1st Friday of the month |

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa kif ser jiġi affettwat  il-kollettur tal-iskart.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi mhux ser jiġi affetwat ħafna peress li ser jiżdied il-ġbir tal-organiku u għalhekk l-ammont ta' ġabriet fil-ġimgħa ikunu 6 minflok 7.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li qed jsiru diskussjonijiet sabiex sidien tal-appartamenti li jikru *short let* ser jkunu responsabbli huma għal-iskart li qed jinħareġ mhux kif suppost.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li irridu naraw kif ser jitbatlu l-bins ta' madwar il-*promenade,* Bajja San Tumas u l-ġonna f'dawk il-ġranet fejn jinġabar biss l-iskart organiku u mħallat.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li postijiet turistiċi fin-nofsinhar ta' Malta jridu jaraw x'ser jgħamlu biex jinġabar l-iskart minn postijiet pubbliċi.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar staqsa jekk hux ser jkolna indaħlu iktar trakkijiet u jekk l-iskart fiż-żoni pubbliċi hux ser jinġabru mill-Gvern ukoll.

Is-Sindku wieġbu illi mhux ser jkun hemm bżonn iktar trakkijiet u li waqt il-laqgħa qalulu illi ż-żoni pubbliċi ser jinġabru mill-Gvern.

Il-Kunsill qabel li nistidnuhom għal-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

**75.4** **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera:**

Ma kienx hemm mistoqsijiet.

**75.5** **Rapporti**

Ma kienx hemm rapporti

**75.6** **Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa:**

Ma kienx hemm *items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

**75.7** **Korrispondenza.**

**75.7.1** **PA 09757/17 Applikazzjoni ġdida sottomessa għal dar tal-anzjani minflokk il-klinika li kienet oriġinarjament proposta. Għoli ta' 9 sulari u parkeġġ mill-inqas. Il-Kunsill Lokali diġa tefa l-oġġezzjoni tiegħu.**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal tfajna l-oġġezzjoni ta' din l-applikazzjoni minħabba l-problema ta' parkeġġ li ser tinħoloq f'din iż-żona meta wieħed jikkunsidra ukoll li hemm l-iskola li qed tinbena ukoll.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li sehma fuq il-mezzi tax-xandir illi l-parkeġġ tal-iskola ta' San Pawl il-Baħar ser jinfetaħ filgħaxija għar-residenti u aħna irridu naraw illi l-parkeġġ tal-iskola l-ġdida ser jkun disponibbli għar-residenti tagħna ukoll wara l-ħin tal-iskola.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal li r-rata tal-iżvillupp fil-lokal ta' Marsaskala hija waħda fenominali u ma nistgħux nibqu għaddejjin b'din ir-rata.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Cianatr qal li hemm bżonn li jsir *master plan*.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal li l-problema mhux biss fuq il-bini imma ukoll qed tinħoloq problema ikbar bl-iskart iktar ma jsir żvillupp.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal illi anke l-problema tad-drenaġġ qed tkun problema għaliex il-lokal tagħna ma kienx maħsuba li jiflaħ għal dan l-iżvillupp kollhu.

Il-Kunsill qabel unanimament lil niktbu lil Onorevoli Chris Aguis u nikkupjw lil Ministru Ian Borg u l-Ministru Jose Herrera. Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar ħa l-inkarigu li jħejju l-abbozz tal-ittra.

**75.7.2** **Deċiżjoni mil-Public Contracts review board rigward is-sejħa għall-offerti għas-servizz ta' Perit tal-Kunsill:**

Il-Prinċipal is-Sinjura Lucille Bonnici spjegat illi l-Bord tal-Appell qata l-kawża favur il-Perit William Lewis.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa jekk l-offerent issottommettiex l-offerta tiegħu taħt Perit jew Periti.

Il-Kunsill iċċekja l-offerta issottommessa u ikkonferma li l-offerta ġiet sottomessa mil-Perit William Lewsia.

Il-Kunsill qabel mad-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell cioe` li l-Perit William Lewis għandu jiġi kkunsidrat liema offerta kienet l-orħos.

**75.7.3** **Talba mill-kuntrattur Catbros sabiex jgħolli r-rati tar-rimi ta materjal tal-bankini b'100% wara li din iż-żieda ġiet imposta fuqu b'effett immedjat:**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa il-Kunsillier illi l-kuntrattur Catbros Ltd qed jitlob żieda ta' 100% fuq items 1.03, 2, 3, 4, 6, 7, 9, 13 u 14 tal-offerta tiegħu minħabba illi l-prezz tar-rimi tal-materjal għola b'100% u dan ivverfikah ukoll l-Perit. Huwa kompla jispjega illi wara li rċieva l-komunikat tkellem mal-kuntrattur għaliex l-*items* imsemmija fit-*tender* mhux biss huma fuq ir-rimi hemm hemm inkluż fijhom il-*fuel*, siegħat ta' xogħol, u tqattiegħ ta' bankini fost affarijiet oħra u għaldaqstant ma jistax jitlob 100% fuq il-valur kollu. Huwa qal illi l-kuntrattur ikkonferma dan u li kellu jerġa jibgħat il-verżjoni emendata pero` sal-laqgħa tal-Kunsill ma bgħatiex.

Huwa ġibed l-attenzjoni illi tkellem ma Segretarji Eżekuttivi oħra fejn ikkonfermaw illi ħadd mill-kuntratturi tagħhom ma talbu żieda.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien qed ikollna diversi lment fuq ix-xogħol li kien qed jagħmel tal-bankina u dan għaliex kien qed juża l-*mixture* u mhux jordna l-konkos bil-mixer. Huwa kellem il-kuntrattur li kien ser jgħamel il-*core cuts* u l-kuntrattur qallu sabiex ma jsirux il-*core cuts* għaliex ikkonferma illi ix-xogħol ma sarx kif suppost u kien ser jaqla fejn sar ħażin.

**75.7.4** **<u>M4 Green Infrastructure Stedina mill-Gal Xlokk biex il-Kunsioll jissottometti l-proġett tiegħu:</u>**

Din il-korrispondenza ġiet diskussa iktar kmieni f'75.3.2

**75.7.5** **<u>Żieda fin-notch ta' Lucille Bonnici minn Settemrbu titla Scale 10.6:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsilliera illi s-Sinjura Lucille Bonnici f'Settembru ser titla fi skala 10 punt 6.

Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan.

**75.7.6** **<u>Pjanijiet ta' estensjoni għal fuel pump fi Triq Sant'Antnin:</u>**

Is-Sindku nforma l-Kunsilliera illi f'ġurnal lokali kien hemm artiklu illi l-applikant tal-applikazzjoni tal-pompa tal-petrol fi Triq sant'Antnin kien qed jitlob illi issir estenzjoni sabiex issir *area* tal-*car wash* kif ukoll erba mħażen.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li s-Sur Cory Greenland kien kitbilna sabiex jiġbdilna l-attenzjoni illi faċċata ta' din il-pompa qed jsir il-grawnd ġewwa l-*family park* u jekk ser issir *central strip* biex il-karozzi ma jaqsmux it-triq biex jidħlu f'din il-pompa ser tinħoloq problema għal minn irid joħroġ mil-parkeġġ tal-family park u jikser fid-direzzjoni lejn Marsaskala għaliex minħabba c-*central strip* ma jkunx jista jsir dan.

Il-Kunsillier is-Sur John Camilleri qal li hemm xi liġijiet ġodda fuq bini tal-pompi tal-petrol u jridu jiġu rispettati.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal li din il-*car wash* hija żejda u ser tittieħed iktar art taħt ODZ u għandha noġġezzjonaw.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri ukoll temma li dan issa se jkun żvilupp eċċessiv.

Is-Sindku qal li la konna qbilna ma' pompa tal-petrol ma jarax għaliex ser noġġezzjonaw għal *car wash*. Huwa qal li konna qbilna li dan kien ta' servizz u allura ma jistax jifhem kif issa qed jiċħdu s-servizz. Huwa kompla jgħid li għandha issir *round about* quddiem Triq Wied iz-Ziju jekk ser issir *central strip* fin-nofs.

Il-Kunsill qabel unanimament illi niċċekjaw rigward din l-applikazzjoni jekk mhemmx diġa applikazzjoni u niddiskutuwa kif toħroġ l-applikazzjoni.

Il-Kunsill qabel unanimament illi niktbu lil PA u TMalta jekk tista issir *round about* quddiem Triq Wied iz-Ziju.

**75.7.7** **<u>Servizz ipprovdut mil-kollettur tal-BIS (Domes):</u>**

Din il-korrispondenza ġiet diskussa iktar kmieni f'75.3.1

**75.7.8** **<u>Ħatra tal-membri 'l ġodda fil-Kunsill Lokali taż-żagħżagħ għal Marsaskala:</u>**

Is-Sindku spjega illi ingħaqdu 8 żgħażagħ sabiex jiffurma l-Kunsill taż-żgħażagħ.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li qed jinnota li diversi minn dawn iż-żgħażagħ mhux minn Marsaskala u huwa tal-opinjoni li l-ewwel preferenza tingħata liż-żgħażagħ Skalin.

Is-Sindku wieġbu illi żgħażagħ ma sibniex u dawn proponow lilhom infushom. Huwa kompla jgħid illi ma tistax tgħidilhom biex ma jipparteċipawx għax mhux minn Marsaskala.

**75.7.9** **Ħarġa ta' sejħiet għall-offerti għas-segwenti : Skart Goff / Magażin tal-Kunsill / Road Signs and Markings / Road Maintenance and Major Patching:**

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lil-Kunsill illi dawn huma l-offerti li jmiss li nippublikaw.

Is-Sindku qal li l-Kuntratt tar-*Road Maintenance and Major Patching works* għandu jinbidel *f'Road Maintenance and Patching* sabiex natgħu l-opportunita` illi l-kuntratturi ż-żgħar jitfu l-offerta tagħhom sabiex ma nibqgħux bil-problema illi jitfgħu biss kuntratturi kbar imbagħad ma jkollomx ċans jiġu jaħdmulna xogħol żgħir.

Il-Kunsill qabel dwar dan.

**75.7.10** **Talba minn Refablightblue Paternership biex jitjieb is-servizz ta' ġbir ta' ħwejjeġ:**

Din il-korrispondenza ġiet diskussa iktar kmieni f'75.3.4

**75.7.11** **Talba biex il-Kunsill Lokali ta' Marsaskala jippartеċipa f'World Clean up day fil 15 a' Settembru 2018:**

Il-Kunsill qabel unanimament illi jappertċipa f'din l-attivita`.

**75.8** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskema ta' pagamenti:**

**75.8.1** Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill bl-*invoices* li daħlu tard u ser jippreżenthom waqt il-laqgha:

| Kreditur | Deskrizzjoni | Nru tal-Invoice | Ammont |
|---|---|---|---|
| Police Headquaters | Servizz tal-Puluzija Karnival Sajf | 61050 | €2209.24 |
| Police Headquaters | Servizz tal-Puluzija Karnival Sajf | 51301 | €707.28 |
| 4 Sight | Muggijiet b]ala souvenier | | €100.00 |
| Signhaus | Logo stickers | 2221 | €35.40 |
| Catbros | Pavement works at Triq tal-Gardiel | 216/18 | €3478.69 |
| Fix it Imports | Led panel for public convenience | 34327 | €65.40 |
| Casa Vini | Wines for openeing Gnien Alfred Debono | 10153 | €141.60 |
| Mr. Johnathan Gilson | Maintenance of Public Convenience | | €177.00 |

**75.8.2** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-Petty cash tax-xahar ta' Lulju 2018.

***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-awtorizazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sinjura Elisabeth Cassar issekondat. Il-votazzjoni kienet 7 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni***

- Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud informa lil Kunsilliera illi Dr Buhagair li jirrapreżenta lil Kunsill waqt il-laqgħat tal-SAWTP ġol-Wasteserv, kien jgħamel dan is-servizz bla ħlas u issa ser nibdew inħalsuħ aħna bħala Kunsill umbgħad niġu rifondati mil-Wasteserv.

- ***Il-Kunsillier is-sur John B. Camilleri ħareġ mill-laqgħa fit-8.00 pm***

- Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar talab lis-Segretarju Eżekuttiv fuq iz-zebra crossing li konna qed nippjanaw li ssir faċċata tal-Knisja. Huwa qal ukoll sabiex tidjiq ic-central strip ta' ħdejn il-Waterline u tiċċekken il-bankina ta' ħdejn il-Magħluq biex b'hekk joqogħodu żewġ vetturi ħdejn xulxien.

  Il-Kunsill qabel unanimament sabiex niktbu lis-Sur Michael Cohen rigward Triq il-Qaliet ħdejn il-Waterline peress li dik hija triq distributorja.

**75.9** **Mozzjonijiet:**

Ma kienx hemm mozzjonijiet.

**75.10** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss :**

L-aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fid-8.30pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar l-Erbgħa 26 ta' Settembru 2018 fis-6:00pm.

Ikkonfermat illum 27 ta' Awwissu 2018.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| _______________ | ________________ |
| **Josef Grech** | **Mario Calleja** |
| Segretarju Ezekuttiv | Sindku |